

II

(Atti mhux leġislattivi)

REGOLAMENTI

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2016/1313

tal-1 ta' Awwissu 2016

li jemenda r-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 fir-rigward tal-kundizzjonijiet għall-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 dwar it-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti u li jħassar id-Direttivi tal-Kunsill 79/117/KEE u 91/414/KEE ⁽¹⁾, u b'mod partikolari l-ewwel alternattiva tal-Artikolu 21(3) tiegħu,

Billi:

- (1) Is-sustanza attiva ġiet inkluża fl-Anness I tad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE ⁽²⁾ permezz tad-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/99/KE ⁽³⁾.
- (2) Is-sustanzi attivi inklużi fl-Anness I tad-Direttiva 91/414/KEE jitqiesu li ġew approvati skont ir-Regolament (KE) Nru 1107/2009 u huma elenkati fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 ⁽⁴⁾.
- (3) L-approvazzjoni tas-sustanza attiva glifosat, kif stipulat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 tiskadi 6 xhur mid-data li tasal l-opinjoni tal-Kumitat għall-Istima tar-Riskji tal-Aġenzija Ewropea għas-Sustanzi Kimiċi għand il-Kummissjoni jew il-31 ta' Diċembru 2017, liema tiġi l-ewwel.
- (4) Fit-30 ta' Ottubru 2015 ⁽⁵⁾, l-Awtorità Ewropea dwar is-Sigurtà fl-Ikel (minn hawn 'il quddiem "l-Awtorità") ikkomunikat lill-Kummissjoni d-dikjarazzjoni tagħha dwar il-valutazzjoni tat-tossikoloġija ta' POE-tallowamine (Nru CAS 61791-26-2), sustanza li tintuża frekwentament bħala koformulant fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat. Fi tqabbil mal-glifosat ikkonkludiet li, fuq il-punti aħħarin kollha investigati, ġiet osservata tossiċità sinifikanti ta' POE-tallowamine. Kien hemm aċċenn għal tħassib ieħor fir-rigward tal-potenzjal ta' POE-tallowamine li jkollu effett negattiv fuq is-saħħa tal-bniedem meta jintuża fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat. L-Awtorità kkunsidrat ukoll li spjegazzjoni probabbli għad-dejta medika fil-bniedem għall-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat hija li t-tossiċità hija xprunata l-iktar mill-komponent ta' POE-tallowamine tal-formulazzjoni.

⁽¹⁾ ĠUL 309, 24.11.2009, p. 1.

⁽²⁾ Id-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE tal-15 ta' Lulju 1991 li tikkonċerna t-tqegħid fis-suq ta' prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti (ĠUL 230, 19.8.1991, p. 1).

⁽³⁾ Id-Direttiva tal-Kummissjoni 2001/99/KE tal-20 ta' Novembru 2001 li temenda l-Anness I mad-Direttiva tal-Kunsill 91/414/KEE li tirrigwarda t-tqegħid fis-suq tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li jinkludu l-glifosat u t-tifensulfuron-metil bħala sustanzi attivi (ĠU L 304, 21.11.2001, p. 14).

⁽⁴⁾ Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 540/2011 tal-25 ta' Mejju 2011 li jimplementa r-Regolament (KE) Nru 1107/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill f'dak li għandu x'jaqsam mal-lista ta' sustanzi attivi approvati (ĠU L 153, 11.6.2011, p. 1).

⁽⁵⁾ EFSA Journal 2015; 13(11): 4303. Disponibbli onlajn fuq: www.efsa.europa.eu

- (5) B'konformità mad-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾ flimkien mal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, l-Istati Membri għandhom iħeġġu l-iżvilupp u l-implimentazzjoni ta' ġestjoni integrata tal-organiżmi ta' ħsara u approċċi jew tekniki alternattivi biex inaqqsu d-dipendenza tagħhom fuq l-użu tal-pestiċidi. Minħabba l-fatt li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat jintużaw ħafna għal applikazzjonijiet mhux agrikoli, l-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-użu tal-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat jiġi minimizzat jew ipprojbit f'żoni bħal parks u ġonna pubbliċi, f'postijiet tal-isport u tar-rekreezzjoni, fil-btieħi tal-iskejjel u fiż-żoni tal-logħob tat-tfal u fil-qrib ta' faċilitajiet tal-kura tas-saħħa.
- (6) Il-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat jintużaw ukoll għal applikazzjonijiet ta' qabel il-ħsad. F'ċerti sitwazzjonijiet l-użi ta' qabel il-ħsad għall-kontroll jew għall-prevenzjoni kontra t-tkabbir mhux mixtieq tal-ħaxix ħażin, huma konformi ma' prattiċi agrikoli tajbin. Madankollu jidher li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat jintużaw ukoll bl-intenzjoni li jiġi kkontrollat il-mument li fih isir il-ħsad jew biex jiġi ottimizzat it-tidris, għalkemm dawn l-użi ma jistgħux jitqiesu bħala prattiċi agrikoli tajbin. Użi ta' dan it-tip għalhekk jistgħu ma jkunux konformi mad-dispożizzjonijiet tal-Artikolu 55 tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009. L-Istati Membri għandhom għalhekk jagħtu attenzjoni partikolari lill-konformità tal-użi ta' qabel il-ħsad ma' prattiċi agrikoli tajbin meta jawtorizzaw il-prodott għall-protezzjoni tal-pjanti.
- (7) Il-Kummissjoni stiednet lin-notifikaturi jissottomettu l-kummenti tagħhom.
- (8) Fid-dawl tal-għarfien xjentifiku u tekniku preżenti jixraq li jiġu emendati l-kundizzjonijiet tal-użu tas-sustanza attiva b'mod partikolari billi l-koformulant POE-tallowamine (Nru CAS 61791-26-2) jiġi eskluż mill-użu fil-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat.
- (9) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011 għandu jiġi emendat skont dan.
- (10) B'konformità mal-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandha tiġi stabbilita lista ta' koformulanti li mhumiex aċċettati għall-inklużjoni fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti. Il-Kummissjoni, l-Awtorità u l-Istati Membri bdew jaħdmu fuq l-istabiliment ta' dik il-lista. Fit-twertiq ta' ħidmietha, il-Kummissjoni se tagħti attenzjoni partikolari lill-koformulanti li potenzjalment jagħmlu ħsara li jintużaw fi prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat. Il-lista tal-koformulanti inaċċettabbli se tiġi stabbilita fil-futur f'att separat, b'konformità mar-rekwiżiti proċedurali stabbiliti fl-Artikolu 27(2) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009.
- (11) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf,

ADOZZAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Fis-seba' kolonna "dispożizzjonijiet speċifiċi" tar-ringiela 25 dwar il-glifosat fil-Parti A tal-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 540/2011, it-test jinbidel b'dan li ġej:

"Jistgħu jiġu awtorizzati biss użi bħala erbiċida.

Għall-implimentazzjoni tal-prinċipji uniformi kif imsemmija fl-Artikolu 29(6) tar-Regolament (KE) Nru 1107/2009, għandhom jitqiesu l-konklużjonijiet tar-rapport ta' rieżami dwar il-glifosat, u b'mod partikolari l-Appendiċċijiet I u II tiegħu, kif emendat mill-Kumitat Permanenti dwar il-Pjanti, l-Animali, l-Ikel u l-Għalf fis-27 ta' Ġunju 2016. F'din il-valutazzjoni ġenerali, l-Istati Membri:

— iridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-protezzjoni tal-ilma ta' taħt l-art f'żoni vulnerabbli, b'mod partikolari fir-rigward tal-użi mhux għall-uċuh tar-raba';

⁽¹⁾ Id-Direttiva 2009/128/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-21 ta' Ottubru 2009 li tistabbilixxi qafas għal azzjoni Komunitarja biex jinkiseb użu sostenibbli tal-pestiċidi (ĠU L 309, 24.11.2009, p. 71).

- iridu jagħtu attenzjoni partikolari għar-riskji mill-użu f'positiviet speċifiċi msemmija fl-Artikolu 12(a) tad-Direttiva 2009/128/KE;
- iridu jagħtu attenzjoni partikolari għall-użi ta' qabel il-ħsad bi prattiċi agrikoli tajbin.

L-Istati Membri għandhom jiżguraw li l-prodotti għall-protezzjoni tal-pjanti li fihom il-glifosat ma jkunx fihom il-koformulant POE-tallowamine (Nru CAS 61791-26-2)".

Artikolu 2

Dan ir-Regolament jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara l-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-1 ta' Awwissu 2016.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Jean-Claude JUNCKER
